Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Ġunju 2019**
**(OR. en)**

**9873/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0129(NLE)**

**UD 163**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Ġunju 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 262 final |
| Suġġett: | Proposta għal **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tad-WCO skont l-Artikolu 16 li jemenda s-Sistema Armonizzata** |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 262 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 262 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2019
COM(2019) 262 final

2019/0129 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tad-WCO skont l-Artikolu 16 li jemenda s-Sistema Armonizzata

2019/0129 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tad-WCO skont l-Artikolu 16 li jemenda s-Sistema Armonizzata

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar l-emenda tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata (SA).

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti

Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ("il-Ftehim") għandha l-għan li tiffaċilita l-kummerċ internazzjonali u l-ġbir, it-tqabbil u l-analiżi tal-istatistika, b'mod partikolari dawk dwar il-kummerċ internazzjonali. Bħala Anness din tinkludi n-Nomenklatura tas-SA li hija sistema armonizzata internazzjonali li tippermetti lill-pajjiżi parteċipanti jikklassifikaw oġġetti tal-kummerċ fuq bażi komuni għal skopijiet doganali. B'mod partikolari, in-Nomenklatura tas-SA tinkludi d-deskrizzjoni tal-oġġetti, li jidhru bħala intestaturi u subintestaturi, u l-kodiċijiet numeriċi relatati tagħhom, fuq il-bażi ta' sistema ta' kodiċi b'sitt figuri. In-Nomenklatura tas-SA tiġi riveduta kull ħames snin[1]. Din hi applikata minn aktar minn 190 amministrazzjoni minn madwar id-dinja; konsegwentement, aktar minn 98 % tal-oġġetti kollha tal-kummerċ fid-dinja jiġu klassifikati skont din.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Ftehim[2].

---

[1] Mill-introduzzjoni tagħha fl-1988, in-Nomenklatura tas-SA ġiet riveduta ħames darbiet. Dawn ir-reviżjonijiet daħlu fis-seħħ fl-1996, fl-2002, fl-2007, fl-2012 u fl-2017.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369 tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p.1).

## 2.2. L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO)

L-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), imwaqqfa fl-1952 bħala l-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, hija korp intergovernattiv indipendenti b'missjoni li jsaħħaħ l-effikaċja u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet Doganali. Id-WCO toffri lill-Membri tagħha firxa ta' Konvenzjonijiet u ta' strumenti internazzjonali oħra, kif ukoll assistenza teknika u servizzi ta' taħriġ. Illum il-ġurnata, id-WCO tirrappreżenta 182 amministrazzjoni Doganali minn madwar id-dinja.

Il-korp regolatorju tad-WCO hu l-Kunsill, li jibbaża ruħu fuq il-kompetenza u l-ħiliet ta' Segretarjat u fuq firxa ta' kumitati tekniċi u konsultattivi biex iwettaq il-missjoni tiegħu.

Il-Kumitat tekniku fid-WCO, li hu inkarigat mix-xogħol preparatorju relatat mal-Ftehim, hu l-Kumitat tas-SA. Il-kompiti ewlenin tal-Kumitat tas-SA huma dawn li ġejjin:

- Jiżgura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tat-testi legali tas-Sistema Armonizzata, inkluż billi jsib soluzzjonijiet għat-tilwimiet dwar il-klassifikazzjoni bejn Partijiet Kontraenti, u b'hekk jiffaċilita l-kummerċ;

- Jipproponi emendi u aġġornamenti għas-Sistema Armonizzata biex din tirrifletti l-iżviluppi fit-teknoloġija u t-tibdiliet fix-xejriet tal-kummerċ kif ukoll ħtiġijiet oħra tal-utenti tas-Sistema Armonizzata;

- Jippromwovi l-applikazzjoni mifruxa tas-Sistema Armonizzata u jeżamina mistoqsijiet ġenerali u kwistjonijiet ta' politika relatati magħha.

Il-Kunsill tad-WCO jeżamina proposti ta' emendi għall-Ftehim, imħejjija mill-Kumitat tas-SA, u jista' jirrakkomandahom lill-Partijiet Kontraenti. L-emendi rakkomandati mill-Kunsill tad-WCO jitqiesu aċċettati jekk l-ebda Parti Kontraenti ma tippreżenta oġġezzjoni fi żmien sitt xhur minn meta jiġu notifikati.

Il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni fid-WCO dwar is-SA huma koordinati mal-Istati Membri. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha flimkien għandhom vot wieħed biss fil-Kunsill tad-WCO.

## 2.3. L-att previst tal-Kunsill tad-WCO

Fis-sessjonijiet numru 133/134 tiegħu (27-29 ta' Ġunju 2019) il-Kunsill tad-WCO għandu jadotta r-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-SA dwar l-emendi tan-Nomenklatura tas-SA ("l-att previst"). In-Nomenklatura riveduta tas-SA se tidħol fis-seħħ fl-2022.

It-tħejjija tar-Rakkomandazzjoni twettqet bejn id-19 u d-29 ta' Marzu 2019, matul is-sessjoni numru tlieta u sittin tal-Kumitat tas-SA.

L-abbozz tar-rakkomandazzjoni jinkludi 355 sett ta' emendi tan-Nomenklatura tas-SA li għandhom l-għan li jirriflettu l-evoluzzjoni tax-xejriet kummerċjali, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u l-ħtieġa li n-nomenklatura tiġi modernizzata jew adattata għall-ambjent tagħha. B'mod partikolari, l-emendi proposti:

– Jissimplifikaw in-Nomenklatura billi jħassru intestaturi u subintestaturi b'volum baxx ta' kummerċ, biex b'hekk iżommu s-SA aġġornata u konformi mal-evoluzzjoni tal-prodotti.

– Jiffaċilitaw il-klassifikazzjoni b'koerenza mal-istandards internazzjonali applikabbli, jew billi jqisu l-prodotti l-ġodda jew l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tal-prodotti (prodotti tat-terapija taċ-ċelloli, stampaturi 3D, skrins ċatti, jogurts, prodotti tal-ikel tal-insetti, żejt taż-żebbuġa verġni, prodotti tat-tabakk ġodda, droni, semikondutturi u transdjusers, eċċ.).

– Jallinjaw aħjar il-verżjonijiet Franċiżi u Ingliżi tan-Nomenklatura sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u jitnaqqsu d-diverġenzi eżistenti jew potenzjali fil-klassifikazzjoni.

– Jiffaċilitaw il-ġlieda kontra l-frodi u l-kummerċ illegali u l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent billi joħolqu intestaturi u subintestaturi f'diversi oqsma (djamanti sintetiċi, sustanzi kimiċi, beni kulturali, fentanil, skart, eċċ.).

Il-proposti ġew ippreżentati minn Organizzazzjonijiet Internazzjonali (il-Proċess ta' Kimberley, l-FAO, il-Konvenzjonijiet ta' Basilea u ta' Rotterdam, il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, eċċ.), mill-Partijiet Kontraenti u mis-Segretarjat tad-WCO. Fost dawn l-emendi hemm diversi proposti ppreżentati mill-UE (pereżempju dwar il-pjanċi fotosensittivi u termosensittivi, id-drappijiet laminati, id-dgħajjes li jintefħu, it-tessuti elettroniċi, il-fibri tal-ħġieġ, l-istampaturi 3D, iċ-ċeramika refrattarja, il-makkinarju tal-forġa, il-jogurt, in-Nota 3 tal-Kapitolu 27, il-lapsijiet li jintlewew).

L-abbozz tar-Rakkomandazzjoni huwa inkluż bħala l-Anness R tar-rapport tal-laqgħa numru 63 tal-Kumitat tas-SA f'Marzu 2019 (Dok. NC2626B1b-HSC/63/Marzu 2019).

## 3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta għandha l-għan li tesprimi sostenn għall-abbozz tar-Rakkomandazzjoni dwar l-emenda tan-Nomenklatura tas-SA.

Huwa importanti għall-UE li tali Rakkomandazzjoni tiġi adottata peress li għandha l-għan li taġġorna u timmodernizza n-Nomenklatura tas-SA u tissimplifika u tiffaċilita l-klassifikazzjoni tal-prodotti. Ta' min jinnota wkoll li l-UE kienet wieħed mill-kontributuri ewlenin għal dan l-eżerċizzju ta' modernizzar peress li f'dan iċ-ċiklu ta' reviżjoni ssottomettiet parti kbira mill-proposti f'dan ir-rigward.

Il-konsultazzjonijiet twettqu b'mod kontinwu mal-Istati Membri fi ħdan il-Grupp ta' Esperti Doganali — Is-Settur tal-Koordinazzjoni SA/WCO, u fi ħdan il-Kunsill, u fejn meħtieġ, mas-servizzi tal-Kummissjoni.

B'rabta mal-emendi li jikkonċernaw il-prodotti tat-tabakk ġodda, il-pożizzjoni tal-UE ġiet stabbilita permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill qabel is-sessjoni tal-Kumitat tas-SA hawn fuq imsemmija[3]. Peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill kienet tiddevja mill-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni[4] li tfakkar fil-ħidma li qed titwettaq bħalissa mill-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tad-WHO fir-rigward tan-natura tal-emissjonijiet prodotti mill-prodotti tat-tabakk ġodda, u li tfakkar li jista' jkun meħtieġ li r-riżultati jiġu indirizzati fi stadju ulterjuri jekk ikun hemm evidenza ġdida rilevanti għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi oġġettivi u l-proprjetajiet ta' tali prodotti għall-finijiet doganali.

Għaldaqstant, il-pożizzjoni proposta hi kif ġejja:

– Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

– Skont il-każ, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa wkoll l-emendi editorjali ulterjuri li jistgħu jiġu proposti mis-Segretarjat tad-WCO.

Il-pożizzjoni proposta tal-UE hi allinjata mal-politika Doganali stabbilita u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-klassifikazzjoni tal-oġġetti wara l-importazzjoni skont il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħhom.

Il-pożizzjoni proposta hi meħtieġa biex l-UE tkun tista' tesprimi pożizzjoni fil-Kunsill tad-WCO li jmiss.

## 4. Bażi ġuridika

### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[5].

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni u rigward l-att previst hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

[3] ST 7138 2019 INIT, Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata.

[4] ST 7208 2019 ADD 1, Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata – Adozzjoni – Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni.

[5] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, il-Kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

### 4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill tad-WCO hu korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni li Tistabbilixxi Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali tal-15 ta' Diċembru 1950. Skont il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti, hu l-korp responsabbli għall-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet Kontraenti għall-emendar ta' din il-Konvenzjoni.

F'konformità mal-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tas-SA, fil-laqgħa ta' Ġunju tiegħu, il-Kunsill tad-WCO hu mistenni jirrakkomanda lill-Partijiet Kontraenti tas-SA emenda tal-Anness ta' din il-Konvenzjoni (in-Nomenklatura tas-SA), li titqies bħal aċċettata fi żmien sitt xhur sakemm ma toġġezzjonax xi Parti Kontraenti. Skont id-dritt internazzjonali, l-emendi aċċettati huma vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti kollha ladarba jidħlu fis-seħħ u n-nomenklatura tariffarja/statistika ta' kull Parti Kontraenti trid tinġieb f'konformità mas-Sistema Armonizzata emendata. Għalhekk, ladarba tiġi aċċettata, ir-Rakkomandazzjoni tiġi inkorporata fil-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri: L-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. Dan minħabba li l-Artikolu 2. (a) tal-imsemmi Regolament jiddikjara *"2. In-nomenklatura magħquda għandha tiġbor fiha: (a) in-nomenklatura tas-sistema armonizzata;"*

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

### 4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### 4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Peress li l-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-Unjoni Doganali, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 28(1) tat-TFUE.

## 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 28(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

# 5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

L-ebda

2019/XXX (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tad-WCO skont l-Artikolu 16 li jemenda s-Sistema Armonizzata**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ("il-Ftehim"), konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369[1], daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

(2) Skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata jista' jħejji għall-Kunsill tad-WCO proposti ta' emendi tan-Nomenklatura tas-SA. Skont l-Artikolu 16 tal-Ftehim, il-Kunsill tad-WCO jista' jirrakkomanda dawn l-emendi lill-Partijiet Kontraenti.

(3) Il-Kunsill tad-WCO hu mistenni jiddeċiedi dwar ir-Rakkomandazzjoni għall-Partijiet Kontraenti għal emenda tan-Nomenklatura tas-SA matul is-sessjonijiet ta' Ġunju tiegħu. Tali Rakkomandazzjoni se tiġi adottata fuq il-bażi ta' proposta mħejjija mill-Kumitat tas-Sistema Armonizzata u finalizzata matul il-laqgħa numru 63 tiegħu bejn id-19 u d-29 ta' Marzu 2019. Din se tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2022.

(4) Huwa ta' importanza kbira li n-Nomenklatura tas-SA tinżamm aġġornata u konformi mal-evoluzzjoni tax-xejriet kummerċjali u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u li tirrifletti kemm jista' jkun il-ħtiġijiet tal-utenti. Ir-Rakkomandazzjoni proposta tinkludi bosta settijiet ta' emendi li jqisu l-ħtieġa li n-nomenklatura tiġi modernizzata jew adattata għall-ambjent tagħha.

(5) Peress li din ir-Rakkomandazzjoni għal emenda tan-Nomenklatura tas-SA għandha tiġi adottata mill-Kunsill tad-WCO, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni billi, ladarba tiġi aċċettata skont l-Artikolu 16 tal-

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

Ftehim, ir-Rakkomandazzjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni u se jkollha l-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[2].

(6) Diġà kienet ġiet stabbilita pożizzjoni parzjali tal-UE li għandha tittieħed fid-WCO qabel il-laqgħa numru 63 tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata[3].

7) Huwa xieraq li jiġi appoġġat l-abbozz tal-emenda tan-Nomenklatura tas-SA, u kwalunkwe bidla editorjali minuri li tista' titqies meħtieġa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjonijiet ta' Ġunju 2019 tal-Kunsill tad-WCO għandha tkun li jiġi appoġġat l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 dwar l-emenda tas-Sistema Armonizzata kif stabbilit fl-Anness R tad-Dokument NC2626B1b (Rapport HSC/63/Marzu 2019).

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu dwar bidliet editorjali minuri fl-abbozz tar-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 fid-dawl tal-iżviluppi fis-sessjonijiet li ġejjin tal-Kunsill tad-WCO, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, jew matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7/9/1987, p. 1)

3 ST 7138 2019 INIT, Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata; ST 7208 2019 ADD 1, Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata – Adozzjoni – Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni.